KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 04

**L-Erbgħa 25 ta' Settembru 2019**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 04.1 Qari tal-Apoloġiji

04.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw.

## 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 03

04.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) prezentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

04.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 3 ġew approvati u ffirmati mis-Sidku u mis-SE.

## 04.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

04.3.1 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi dwar il-*cat shelters*. Is-SE infurmat li kienet ġabet kwotazzjoni mingħand mastrudaxxa lokali u li kellha wkoll suġġeriment biex isiru xi *shelters* minn *tyres* riċiklati. Kien hemm qbil li għandhom jiġu ordnati 3 cat shelters mingħand il-mastrudaxxa filwaqt li z-zewġ gruppi tal-iskawz u l-grupp tad-drama għandhom jintalbu jaħdmu fuq zewġ settijiet ta' tyres kull wieħed. Kien hemm qbil li possibbilment sal-aħħar ta' Ottubru dawn il-*cat shelters* għandhom ikunu lesti.

04.3.2 Hawnhekk is-SE infurmat li kellha l-prezz ukoll għal-*Little Free Libraries*. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jordna tnejn.

04.3.3 Is-Sindku semma' li kien ferħan bl-andament tal-Majjalata fejn saret ħidma kollettiva bejn il-Kunsilliera kollha. Kien hemm ukoll attendenza tajba.

04.3.4 Hawnhekk tqajmet diskussjoni dwar il-problema tad-dawl fil-*barracks* li nqalgħet wara xogħlijiet li saru mill-kuntrattur ta' Infrastructure Malta. Kien hemm qbil li l-kuntrattur għandu jixgħel it-toroq b'mod temporanju sakemm isir ix-xogħol tal-manutenzjoni fuq is-sistema tad-dawl. Kien hemm qbil li r-residenti għandhom jiġu infurmati b'dan.

04.3.5 Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li kienet qed tistenna kwotazzjoni biex isir ix-xogħol fuq id-*decking u* li sakemm dan jitlesta, ikun hemm periklu biex jinfetaħ il-bosk għan-nies. Sadanittant saret laqgħa mal-ERA sabiex jaraw numru ta' siġar kbar li z-zokk tagħhom huwa mejjet għalkemm għad għandhom il-friegħi ħodor u li jistgħu jkunu ta' periklu 'l quddiem. Is-Sindku fakkar lis-SE sabiex tieħu ħsieb li jitranġaw il-bins u jsir senjalar ġdid sa qabel jinfetaħ għall-pubbliku.

## 04.4 L-attività tal-Imdina Grand Prix 2019

04.4.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mill-organizzaturi tal-Imdina Grand Prix sabiex jinfurmaw lill-Kunsill li kienu lesti li jagħtu *sponsorship* ta' €750 kull sena. Huwa kien infurmaha wkoll li l-organizzaturi tat-tellieqi ma setgħux jieħdu deċizjonijiet f'isem TM fir-rigward tal-*Community Van*. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu li l-pozizzjoni tiegħu ma kinitx se tinbidel sakemm ma jkunx hemm tibdil fuq it-talba tal-Kunsill.

Kien hemm qbil li jekk ma jkunx hemm risposta pozittiva min-naħa tal-organizzatur, il-Kunsill kien se jieħu ħsieb joħroġ stqarrija.

## 04.5 Attivitajiet mill-fondi tal-LESA u attivitajiet oħra

04.5.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-proċess tal-parkeġġi kien se jieħu aktar zmien milli ħasbet u li minħabba li l-applikazzjoni għal din l-iskema kellha tiddaħħal fl-inter tagħha sal-aħħar ta' Ottubru 2019, talbet lill-Kunsill sabiex ikun hemm alternattiva oħra u tagħzel skont in-neċessità. Kien hemm qbil li bħala pjan B, is-SE għandha tapplika biex jinxtraw xi bins u possibbilment xi bankijiet li xorta waħda hemm bzonnhom.

04.5.2 Is-Sindku qal li l-ġurnata għall-mawra għal Għawdex għall-anzjani hija s-Sibt 12 ta' Ottubru.

04.5.3

04.5.4 Is-Sindku informa li kienu bdew isiru preparamenti biex jiġi organizzat il-Christmas Market. Id-data hija t-13 ta' Diċembru. Kien hemm qbil li l-baġit għal din l-attività għandu jkun ta' €1000. Is-SE ġibdet l-attenzjoni biex jiġi assigurat li n-nefqa ma tmurx aktar mill-ammont maqbul. Kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel l-arranġamenti biex jinkrew l-i*stalls*.

04.5.5 Fir-rigward tal-attività tal-Halloween, kien hemm qbil li għandu jsir *trick or treating* fiz-zona ta' bejn Dar il-Kaptan u l-*Isolation Hospital*.

04.5.6 Hawnhekk il-Kunsilliera Sammut Dimech ġibdet l-attenzjoni li se tkun imsiefra bejn it-28 u t-30 ta' Ottubru u għaldaqstant ma setgħetx tgħin fl-organizzazzjoni ta' din l-attività.

## 04.6 Offerta għall-fanali fi Ġnien is-Sinjura – Skema Sebbaħ il-Lokal

04.6.1 Is-SE infurmat li s-Sindku kien daħħal appell dwar id-deċizjoni tal-kumitat tal-iskema Sebbaħ il-Lokal u rizultat ta' dan, il-Kunsill kien ġie mitlub jattendi għal laqgħa formali biex tiġi diskussa u magħluqa din il-kwistjoni. Kien hemm qbil li jekk l-appell tal-Kunsill ma jiġix aċċettat, is-SE kienet se terġa' toħroġ is-sejħa għall-offerti mill-ġdid.

## 04.7 Aġġudikazzjoni ta' offerta MTFLC/T/004/2019 – *Construction and Structural Works of Visitors Centre (Reissue)*

04.7.1 Is-SE prezentat kopja tar-rapport ta' evalwazzjoni li kien ġie fformulat fir-rigward tal-offerta tat-twaqqigħ tal-kamra tal-periti u l-bini tal-*Visitors Centre*. Is-SE infurmat li kien hemm zewġ offerenti u li kien qed jiġi propost li l-offerta tingħata lill-irħas kuntrattur li kien eliġibbli.

04.7.2 Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-bord biex jintagħzel l-irħas offerent.

04.7.3 Sadanittant hawnhekk is-SE wriet l-inkwiet tagħha minħabba li l-Kunsill m'għandux fejn ipoġġi l-għodda tiegħu għaliex l-i*store* kien se jitwaqqa'. Is-Sindku ssuġġerixxa li fin-nuqqas li jinstab xi mkien adattat, il-Kunsill kellu jara l-possibbiltà li juza *container* kbir għal zmien

temporanju.

## 04.8 Konferma ta' impjieg għal skrivana fuq bazi ta' 30 siegħa fil-ġimgħa

04.8.1 Is-SE infurmat li kienet saret l-intervista mal-iskrivana li kienet applikat u li kien hemm qbil mill-bord tal-intervisti li din għandha tiġi aċċettata. Hija prezentat ukoll rapport li sar mill-bord tal-intervisti.

04.8.2 Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord u s-SE intalbet tibda l-proċess biex din l-iskrivana tibda mill-aktar fis possibbli.

## 04.9 Laqgħa Pubblika dwar ir-Rapport ta' Ħidma

04.9.1 Is-SE talbet lill-Kunsill jiddetermina ġurnata sabiex issir il-laqgħa pubblika biex jiġi prezentat ir-rapport ta' ħidma għall-ħames snin li ġejjin, liema laqgħa suppost li nzammet fl-ewwel tliet xhur mill-ħatra tal-Kunsill il-ġdid. Wara diskussjoni kien hemm qbil mill-Kunsill li din għandha tinzamm nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru fis-6pm. Kien hemm qbil ukoll li ezatt warajha għandha tinzamm il-laqgħa tal-lokalità.

## 04.10 Rikostruzzjoni ta' Triq San Oswald u rranġar tal-bankina fi Triq it-Torri tal-Arloġġ

04.10.1 Is-SE infurmat li kellha laqgħa ma' rapprezentanti ta' Infrastructure Malta fejn dawn infurmawha li kien se jibda x-xogħol ta' rikostruzzjoni fuq Triq San Oswald. Hija infurmat li kienet għadditilhom ukoll pjanta kif ukoll kopja tal-permessi neċessarji tal-parkeġġ pjanat għal Triq it-Torri tal-Arloġġ u fehmet li dan se jiġi inkorporat max-xogħol ukoll.

## 04.11 Formazzjoni ta' sottokumitati ġodda

04.11.1 Is-SE infurmat li l-Kunsilliera setgħu joħolqu sottokumitati biex ir-residenti stess jagħtu daqqa t'id kemm b'ideat u anke hands on fejn ikun hemm bzonn dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom individwali. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera li jixtiequ li jiffurmaw sottokumitati għandhom jinfurmawha bl-isem tas-sottokumitat sabiex ittella' avviz fuq il-paġna ta' *facebook* tal-Kunsill.

## 04.12 Punti oħra

04.12.1 Is-SE infurmat li x-xogħol tar-restawr fuq l-arloġġ ma setgħax jibda u jitlesta fiz-zmien stipulat skont il-kuntratt (il-25 ta' Settembru) u għaldaqstant kienet qed tintalab estensjoni sal-31 ta' Jannar 2020.

04.12.2 Is-SE infurmat li kienet għamlet laqgħa mal-kuntrattur tal-*Xmas decorations* u dan kien issuġġerixxa li minflok il-fustuni jsiru *fairy lights* mas-siġar u disinni mat-triq prinċipali minħabba l-ħsara kbira li kien qed jikkawza r-riħ. Ma kienx hemm oġġezzjoni fuq il-prinċipju.

## 04.13 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rapprezentant tal-Kunsill

04.13.1 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Mifsud tispjega dwar zewġ stqarrijiet li ħareġ ir-Reġjun f'isem il-Kunsilli Lokali kollha li jiffurmaw parti minnu. Il-Kunsillier Mifsud infurmat li bi zball kienet nesiet issemmi li kien hemm qbil li li għandhom jintbagħtu dawn iz-zewġ stqarrijiet waqt il-laqgħa preċedenti. Hawnhekk il-Kunsill wera d-dizappunt tiegħu li r-Reġjun kien bagħat l-istqarrija lill-media mingħajr ma ntbagħtu lill-Kunsilli biex jaqraw il-kontenut minn qabel. Kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat kommunikazzjoni lir-Reġjun Tramuntana biex tinforma li l-Kunsill ma kienx qabel ma kif imxew l-affarijiet.

## 04.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

04.14.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Vici Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 04.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

04.15.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:30pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 29 ta' Ottubru fis-6:00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |